MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 351/2008

**Attard & Co (ImageExcel) Limited**

**Vs**

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited**

## Il-Qorti:-

Rat illi is-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sbatax (17) t’Ottubru 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta’ erbat elef tmien mija u hamsa u tletin euro u tlett euro centesmi (EUR 4835.03) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta (kopja statement Dok. A).
Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju 3046/08 u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hi ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar l-erbgha (4) ta' Novembru 2008 skond ir-riferti tal-Marixxal Carmen Cutajar a fol. 7 tergo.

Rat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Dicembru 2008 is-socjeta konvenuta giet imsejha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjeta attrici seduta stante nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2008.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef tmien mija u hamsa u tletin euro u tlett euro centesmi (EUR 4835.03) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------